**ID-DROGA TA' L-ELEZZJONI**

It-tattika ta' l-Opposizzjoni rigward il-problema tad-droga qed issir waħda tat-tfal. Minn kwestjoni ta' sforz nazzjonali, qed idawwru l-kwestjoni f'waħda politika, anzi f'politika bla sens.

Qed jipprovaw ipinġu lill-Gvern bħala mhux biss fjakk dwar il-ġlieda kontra d-droga , iżda b'ħafna botti fini, bħala kompliċi ma' min jikser il-liġi; l-isbaħ kienet li meta il-Gvern b'kuraġġ kixef il-każ ta' l-imħallfin, bdew ixerduha: araw taħt dal-Gvern fiex wasalna! Flok taw prosit lil l-aġenziji ta' l-Istat, imwaqqfin u msaħħin minn dan il-Gvern, bdew jgħidu li n-negozjanti tad-droga saru b'saħħithom wisq f'pajjiżna.  Kieku kienu b'saħħithom, ma kienx jinkixef il-każ ta' l-imħallfin.

Il-qabdiet record ta' droga, iż-żjieda fl-investiment fil-Puliżija, fl-ispiża kapitali, fil-Laboratorju forensiku – kollha ħwejjeġ minsija fit-22 xahar ta' ekonomija taħt Gvern Laburista, - flok jpinġuhom bħala gwadann, jużawhom bħala prova ta' kemm hi kbira il-problema tad-droga.

Minn analiżi xjentifika li saret minn nies li jifhmu, ma jidhirx li l-problema tad-droga f'pajjiżna tolqot iktar nies milli tolqot f'pajjiżi oħra.  Li hu żgur hu li l-liġijiet ħorox kontra d-droga għamilhom dal-Gvern; il-piena ta' ħabs bill-fors għat-traffikar tad-droga, u ta' għomor il-ħabs għat-traffikar serju saru minn dal-Gvern u minn ħadd iżjed.

Mill-banda l-oħra qatt ma użajna d-droga għal skop politiku bil-mod isteriku ta' kif għamlet l-Opposizzjoni Laburista f'dawn l-aħħar snin.  Niftakar fis-Sajf ta' l-1999 nisma' diskors wieħed wara l-ieħor fil-Parlament minn-naħa ta' l-Opposizzjoni, jakkuzawna "ROTOB", dwar il-ġlieda kontra d-droga: tafu għaliex? Għaliex għamilna liġi li biha min jinqabad b'ammonti żgħar ta' droga għall-użu personali tiegħu fl-ajruport ma jmurx il-ħabs bil-fors.  Qalulna li huma kienu l-partit taż-"zero tolerance" dwar id-droga.  Illum qed igħidu li dawk li m'humiex traffikanti ta' droga m'għandhomx jeħlu pieni ħorox.

Meta il-Gvern bagħat tliet (mhux tliet mija) priġunieri Libjani lura il-Libja biex jiskontaw is-sentenza tagħhom f'pajjiżhom, tgħidx x'għamlu; u saħansitra dak li jitkellem darbtejn kuljum fuq Super One, fl-Anġelus u fl-Ave Maria, qal li jiena kont, minħabba f'hekk, impotenti quddiem it-traffikanti tad-droga.

Niftakar inċident ieħor, ftit ġimgħat wara l-elezzjoni ta' l-1996.  Kulħadd fil-Pulizija, fl-Iskwadra kontra d-Droga, żamm postu; bdew iġibu fil-gażżetti li hemm impenn iżjed fil-ġlieda kontra d-droga; imbagħad qalu, u isimgħuha din, li tant ma kienx hawn droga fil-pajjiż, li kien se jkun hemm iktar 'overdoses' (għax id-droga issa ma tkunx pura) u iktar hold-ups għax l-iskarsezza tgħolli l-prezz!!

L-ewwel vittmi ta' dan il-politiċizzar bla rażan tal-problema tad-droga kienu huma stess, meta il-Ministru tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien ta' maħfra lil persuna li kellha każ ta' "money – laundering" pendenti, meta kienet sentenzjata fuq reat ta' droga, u kellu jirriżenja.

Jidher li deħlin bħalissa f'din il-fażi. Jekk jaħsbu li se noqogħodu kwieti m'aħniex. Aħna dwar ir-rekord tagħna fil-ġlieda kontra d-droga m'għandna xejn minn xiex nistħu. Anzi s-suċċessi li saru fl- 4 snin li għaddew, inkluża operazzjoni ta' l-iktar qabda ta' d-droga destinata għal pajjiżna, jagħtuna raġun, u jsaħħu l-fehma tagħna ta' kemm konna għaqlin li nagħtu poteri speċjali lill-aġenziji tat-twettiq tal-liġi, sabiex jinqabdu affarijiet li qabel ħadd ma kien ixommhom.